MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-30 ta' Awwissu, 2011

Numru. 312/2011

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jesmond J. Borg)**

**Vs**

**OMISSIS**

**Illum 30 t'Awissu, 2011.**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **OMISSIS** tressaq quddiemha akkurat talli f'dawn il-gzejjer matul is-sena 2009 u fit-tliet snin ta' qabel din id-data:

1. Kellu fil-pussess tieghu id-drota kokaina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-

pussess ta' awtorizzazzoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-raba' (4) u s-sitt (6) Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort' ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi skur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Talli sar recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula;

3. U aktar talli kkommetta reat waqt li kien that ordni operattiv ta' liberta' kondizzjonata ta' sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, presjeduta mill-Magistrat Dr. Anthony J. Vella LL.D. nhar it-3 ta' Frar 2009, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali l-flejjes u l-proprjeta' mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu jmissu lill-akkuzat jew huma proprjeta' tieghu, kif ukoll sabiex tipprojbixxi lill-akkuzat milli jittrasferixxi jew xort' ohra jiddisponi minn xi proprjeta' mobbli jew immobbli.

Il-Qorti giet mitluba wkoll li f'kaz ta' htija tal-imputat barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 (1) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti tal-kawza w id-dokumenti esebiti w cioe' l-kunsens tal-Avukat Generali, stqarrija rilaxxjata mill-imputat, Fedina Penali w estratt mill-att tat-twelid tieghu, kif ukoll tliet sentenzi.

Semghet lill-imputat **OMISSIS** jiddikjara li ma kellux bzonn l-assistenza ta' avukat difensur.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt l-ezami li sar skond l-artikolu 370 (4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta llum, tletin ta' Awissu 2011 w ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq biex jekk ried, seta' jerga' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta ta' llum tletin t'Awissu, 2011.

Illi ghalhekk, rinfaccjata b'ammissjoni volontarja, espressa w inkondizjonata da parti tal-imputat, hija sodisfatta li l-imputat ghandu jinstab hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu mill-prosekuzzjoni.

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirtira t-talba taghha ghas-sekwestrar tal-assi tal-imputat, peress li n-natura tal-akkuza tirrigwarda biss semplici pussess.

Inoltre semghet lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li l-imputat kien ikkopera bis-shih maghha tul l-investigazzjoni w sahansitra kien irrilaxxaja stqarrija, li giet anke konfermata bil-gurament, fejn zvela s-sors minn fejn ottjena d-droga, w li kien qed jghin lill-Pulizija fl-investigazzjoni aktar serja dwar traffikar ta' droga.

Tenut kont ta' din id-dikjarazzjoni, fuq talba tal-istess Prosekuzzjoni, l-Qorti ordnat li isem u l-partikolaritajiet tal-imputat ma jigux imxandra fil-mezzi tax-Xandir.

F'dan l-istadju, l-Qorti semghet lill-Prosekuzzjoni tirtira wkoll it-tielet akkuza.

Giet informata mill-Prosekuzzjoni li l-imputat ghandu jibbenefika mid-disposizzjoni tal-Art. 29 tal-Kap. 101.

Ikkunsidrat:

Ai fini ta' piena, l-Qorti kkunsidrat is-segwenti:

1. L-ammissjoni bikrija tal-imputat stess.

2. Dak li stqarret il-Prosekuzjoni, w cioe' li l-imputat ikkopera bis-shih maghha tul din l-investigazzjoni, w fil-fatt qed jghinha sabiex jitressaq il-Qorti min verament qed jittraffika fid-droga.

3. Dak li qalet il-Prosekuzzjoni li l-imputat ghandu jibbenifika minn riduzjoni ta' piena minhabba dak li jiddisponi l-artikolu 29A tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ghaldaqstant, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, w cioe' l-Artikoli 8 u 29A tal-Kap. 101 taL-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lill-imputat OMISSIS <u>multa ta' hames mitt Ewro (€500) pagabbli f'rati mensili w konsekuttivi ta' erbghin Ewro (€40 fix-xahar) il' wiehed, b'dan li jekk jonqos milli jhallas imqar pagament wiehed, il-bilanc dovut jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta' gurnata habs ghal kull hdax-il Ewro w hamsa w sittin centezmu (€11.65) dovuta.</u>**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------